MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 575/2013

**Avukat Joseph Ellis detentur tal-karta tal-identita' numru 21763(G) bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Sonnig SA ta' 14, Quai du Seujet, CH-1201 Geneve.**

**vs**

**Deborah Fenech deFremaux (Karta ta' l-Identita' Numru 186876(M)) propja u ghan-nom tas-socjeta' "Infiniti Commodities Limited." (C 56246).**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Joseph Ellis, detentur tal-karta tal-identita' numru 21763(G) bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Sonnig SA ta' 14, Quai du Seujet, CH-1201 Geneve, tat-13 ta' Gunju 2013 li jaqra hekk:

*"Illi 1-konvenuta pro et noe kienet inkarikat lill-kumpannija attrici sabiex twettaq titjira bejn Bujumbura, il-Burundi u Turin, l-Italja fit-tmienja u ghoxrin (28) u d-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) u dana kif jirrizulta mid-dokument allegat u mmarkat bhala Dok. 'A', liema titjira kellha tiswa mija u sebat elef ewro (€ 107,000).*

*Illi s-socjeta' attrici wettqet 1-imsemmija titjira u wasslet lill-konvenuta Deborah Fenech de Fremaux Turin kif miftiehem. Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici harget fattura ghas-servizzi rezi minnha fl-ammont miftiehem ta' € 107,000 fl-ghaxra (10) t'Ottubru tas-sena elfejn u tnax(2012)hawn allegata bhala Dok. 'B'.*

*Illi dina l-fattura baqghet ma' gietx saldata u dana minkejja illi 1-konvenuta pro et noe giet interpellata diversi drabi sabiex thallas.*

*Illi fil-fehma tal-esponenti nomine, din is-somma ta' € 107,000 hija certa, likwida u dovuta u 1-konvenuta pro et noe m'ghandha 1-ebda eccezzjoni xi tressaq ghall-hlas ta' dan id-debitu*

*Ghaldaqstant tghid ghalhekk il-konvenuta pro et noe ghaliex din 1-Onorabbli Qorti m'ghandhiex in vista tas-suespost:*

*1. tiddispenza s-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta); u*

*2. tikkundanna 1-konvenuta pro et noe thallas s-somma ta' €107,000 rapprezentanti 1-ammont tal-fattura sucitata rapprezentanti l-prezz miftiehem tat-titjira mwettqa mis-socjetà attrici tal-konvenuta kif imsemmi, b1-imghaxjiet ulterjuri mid-data tal-fattura msemmija sad-data tal-pagament effettiv.*

*B1-ispejjes, komprizi dawk ta' 1-ittra bonarja datata tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u tlettax (2013) u tal-*

*mandat ta' sekwestru kawtelatorju illi gie pprezentat kontestwalment kontra 1-konvenuta pro et noe li hija minn issa ingunta in subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-Avukat Joseph Ellis detentur tal-karta tal-identita' numru 21763(G) bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Sonnig SA ta' 14, Quai du Seujet, CH-1201 Geneve, tat-13 ta' Gunju 2013 li taqra hekk:

"*Illi jiena debitament awtorizzat sabiex nirraprezenta f'dawn il-proceduri lis-socjeta' estera Sonnig SA ta'14, Quaidu Seujet, CG-1201 Geneve, u dana kif jirrizulta mill-prokura li nghatat mill-istes socjeta' estera Sonnig SA, liema dokument qed jigi anness u mmarkat bhala Dok. 'C'.*

*Illi l-esponenti pprova jikteb lill-konvenuta pro et noe sabiex jitlob il-hlas tal-ammont dovut lis-socjeta' attrici ta' €107,000 ghat-titjira illi s-socjeta' attrici kienet wettqet f'Settembru li ghadda bejn Bujumbura fil-Burundi sa' Turin fl-Italja sabiex il-konvenuta Deborah Fenech Vella de Fremaux tkun tista' ggor kunsinna ta' deheb imma l-ittra li ntbaghtet bil-procedura ta' avviz registrat fl-indirizz personali tal-konvenuta u fl-indirizz registrat tas-socjeta' konvenuta gew lura wara ftit gimghat.*

*Illi l-esponenti kellem lill-konvenuta Deborah Fenech Vella de Fremaux fuq it-telefon dwar l-ammont pretiz u dina ddikjarat illi l-ammont mitlub kien thallas. Inizjalment, hija weghdet illi kienet ser tipprezenta l-provi illi effettivament l-ammont pretiz kien thallas imma wara xi ftit minuti, jiena rcevejt sms minghandha fejn talbitni ngib tali prova minghand il-mandanti tieghi. Illi t-tentattivi successivi sabiex nikkuntattja lill-konvenuta Deborah Fenech Vella de Fremaux ma rnexxewx.*

*Illi ovvjament ma kien minnu xejn illi l-ammont iffatturat ta' €107,000 kien thallas u ghalhekk kellha issir din il-kawza."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill- intimata pro et noe skond il-ligi bil-procedura tal-affissjoni, fil-25 u fit-30 ta’Lulju 2013, u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fit-2 t’Awwissu 2013 u fil-Gazzetti Lokali fit-28 t’Awwissu 2013, u 16 ta’Settembru 2013;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mill-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali;

Rat illi l-intimata pro et noe fl-udjenza tal-llum it-Tnejn 21 t’Ottubru 2013, u fl-udjenza tal-Hamis 3 t’Ottubru 2013 , baqghet ma dehritx;

Rat illi fl-udjenza tat-Tnejn 21 t’Ottubru 2013, Dr. Anton Tabone, bil-gurament, xhed u kkonferma illi l-ammont pretiz fir-rikors guramentat baqa’ ma thallasx mill-intimata pro et noe;

Rat illi minkejja l-fakolta’ moghtija minn din il-Qorti sabiex l-intimata pro et noe, tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet ai termni tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-intimata pro et noe baqghet inadempjenti;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

**Billi il-provi attrici mhumiex kontradetti, t-talbiet dedotti fir-Rikors Guramentat jirrizultaw ippruvati, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi, tilqa’ t-talbiet tal-atturi, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitlub kontra l-intimata pro et noe.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------